# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 65**

**Rikors numru 748/12/1 CFS**

**Tamarac Limited (C-6169) u Stuart Blackburn fil-kwalità tiegħu ta' Stralċjarju ta' Seafront Properties Limited (C-8903)**

**v.**

**Edward Zammit Maempel, Cynthia Zammit Maempel, Robert Borg Olivier, Anton Borg Olivier, Paul Borg Olivier, Rosemary Borg Olivier De Puget, Monica Borg Olivier De Puget, Peter Zammit, Kenneth Zammit, George Borg Olivier, Rosa Maria Buttigieg, Adrian Borg Olivier, Grace Demarco, Alexander Borg Olivier, Stefano Borg Olivier, George Simonds, Vivienne Galea Pace, Joan Gaffiero, Frederick Borg Olivier (bin Arturo) u b'digriet tal-11 ta' Ġunju 2013 iddaħħlu fil-kawża John Borg Olivier, Mark Borg Olivier u Giselle Mckenna bħala eredi tal-konvenut Frederick Borg Olivier li miet fil-mori tal-kawża, Patricia Anastasi, Julie Jones, Edward Borg Olivier, James Borg Olivier, Frederick Borg Olivier (bin Joseph), Lillian Stellini, Karin Mifsud, Nigel Pace, Antoinette Pace, Clare Pace, Janice Von Brockdorff, Jacqueline Attard, Giovanna Arrigo u Grazio Mula**

1. Din hi sentenza parzjali minn appell imressaq minn Tamarac Limited wara s-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-4 ta' Lulju 2022 fil-kawża fl-ismijiet premessi.

2. Il-kwistjoni li xprunat din is-sentenza hi li s-soċjetà attriċi l-oħra f'din il-kawża, ċjoè Seafront Properties Limited fil-mori tal-appell, li ġiet imħassra mir-reġistru tal-kumpaniji fit-13 ta' Diċembru 2019 ċjoè qabel ingħatat is-sentenza tal-Ewwel Qorti mingħajr ma dan il-fatt ġie a konoxxenza tal-Ewwel Qorti. Għalhekk is-sentenza tal-Ewwel Qorti rabtet il-partjiet kollha fil-kawża meta kien hemm din l-anomalija proċesswali.

3. Il-Qorti appuntat l-appell biex tiġi trattata din il-kwistjoni b'digriet tal-21 ta' Frar 2023. Din il-kwistjoni tqajmet fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 732A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta bħala eċċezzjoni "*ex ufficio*" marbuta mas-siwi tas-sentenza appellata skont l-Artikolu 790 tal-istess Kodiċi. Wara li semgħet lid-difensuri tal-partijiet fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2023, l-appell tħalla għas-sentenza limitatament fuq din il-kwistjoni.

4. Lil hinn mill-mertu tal-appell ta' Tamarac Limited u l-appell inċidentali tal-konvenuti kollha għajr Grazio Mula, dak li jrid jiġi deċiż hu jekk is-sentenza li ngħatat fl-4 ta' Lulju 2022 hix nulla u bla effett għall-

finijiet tal-Artikolu 790 tal-Kap. 12 fil-konfront tas-soċjetà attriċi Seafront Properties Limited billi fid-data tas-sentenza finali tal-Ewwel Qorti, tali kumpanija kienet ineżistenti.

5. Il-Qorti hi tal-fehma illi interess ġuridiku ta' parti f'kawża jrid jibqa' fis-seħħ mill-bidu sat-tmiem tal-vertenza li fiha jkun parti. F'dan il-kaz ma hemmx dubju illi meta l-kumpanija Seafront Properties Limited ġiet imħassra mir-reġistru tal-kumpaniji fit-13 ta' Frar 2019 mingħajr ma tirriżulta xi prova li hemm xi proċeduri ta' ravvivar tal-istess kumpanija, naqas fl-istess kumpanija l-interess ġuridiku neċessarju biex issostni t-talbiet tagħha. B'konsegwenza naqset il-legittimità attiva fl-istess soċjetà biex issostni l-pretensjonijiet tagħha fil-konfront tal-konvenuti. Dan iwassal għan-nullità u tħassir tas-sentenza appellata però limitatament sa fejn hi mdaħħla s-soċjetà Seafront Properties Limited. Sa fejn hemm l-appell ta' Tamarac Limited l-atti proċesswali jibqgħu integri fil-konfront tal-konvenuti, kif ukoll jibqa' integru l-appell inċidentali sa fejn u jekk rilevanti fil-konfront tal-pretensjonijiet ta' Tamarac Limited. It-tħassir f'parti ta' sentenza milquta b'nullità relattiva mhijiex inkompatibbli ma' dak li tipprovdi l-liġi fl-Artikolu 790 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta (ara App. Kumm. **16.3.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb et v. Attard Montalto et*** (Kolleż. Vol: **LXXVI.ii.426**) ukoll għaliex, meta sentenza appellata tkun ingħatat kontra persuna li ġiet nieqsa qabel l-għoti tagħha tista' twassal għar-riforma tagħha bit-tneħħija ta' kull provvediment meħud kontra dik il-

parti (App. Ċiv. **30.12.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Grixti et v. Schembri et*** (Kolleż. Vol: **LXXVIII.ii.425**).

**Deċide**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tordna t-tħassir tas-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-4 ta' Lulju 2023 limitatament għall-pretensjonijiet u talbiet ta' Seafront Properties Limited billi naqset fiha l-legittimità attiva fil-kawża minnha magħmula u tibqa' fis-sħiħ għal dak li jirrigwarda l-partijiet l-oħra fil-kawża soġġetti għall-appell ta' Tamarac Limited u l-appell inċidentali tal-konvenuti kollha ħlief Grazio Mula, u tordna li l-appell jissokta fir-rigward tal-appell ewlieni mressaq mis-soċjetà attriċi Tamarac Limited u l-appell inċidentali mressaq mill-appellati intimati għajr Grazio Mula.

Spejjeż marbuta ma' din is-sentenza jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet *in vista* taċ-ċirkostanżi tal-kawża.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm